# FIL-QORTI ĊIVILI – PRIM AWLA

## IMĦALLEF

## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum it-Tnejn 4 ta' Lulju, 2022

Mandat Numru. **806/2022 ISB**

Fl-atti tar-rikors ghall-hrug ta` **Mandat ta` Inibizzjoni Numru 806/2022ISB** fl-ismijiet :

**Is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tas-Sahha**

**vs**

**Malta Union of Midwives and Nurses**

Il-Qorti :

Rat ir-rikors prezentat mir-rikorrenti fil-15 ta' Gunju 2022 fejn, ghar-ragunijiet hemm indikati, ir-rikorrenti talab lil din il-Qorti sabiex izzomm lill-Union intimata Malta Union of Midwives and Nurses (MUMN) milli :

*(i) Tinizzja u/jew tordna u/jew twettaq, u/jew isejjaħ u/jew tippromulga u/jew kull mod ieħor torganizza u/jew tkompli b'direttivi u/jew azzjoni u/jew azzjonijiet industrijali, diretti jew indiretti, bil-parteċipazzjoni tagħha stess u/jew tal-membri tagħha,*

*b'mod partikolari in konnessjoni mad-dikjarazzjoni t'azzjoni industrijali nnotifikata lill-esponenti fid-9 ta' Ġunju, 2022 kopja tagħha hawn annessa u mmarkata 'Dok. A';*

*(ii) Tieħu xi azzjoni li tippreġudika, ittellef jew b'xi mod ieħor ixxekkel l-provizjoni tas-Saħħa Pubblika fl-aħjar interess tal-komunita; u*

*(iii) Tieħu kwalunkwe azzjoni li tirriżulta, jew li tista' tirriżulta fi preġudizzju, telf jew xi forma oħra ta' tfixkil lill-provediment tas-servizz essenzjali;*

u dan ghar-ragunijiet u l-premessi maghmula, cioe`:

1. *Illi l-objettiv primarju tar-rikorrenti huwa illi jipprovdi servizz tas-Sahha Pubblika, li huwa servizz essenzjali fl-ahjar interess tal-komunita', filwaqt illi l-Union intimata hija vestita bir-rappresentazzjoni tal-membri taghha li jahdmu fil-qasam tas-sahha pubblika fost l-ohrajn.*

2. *Illi l-azzjonijiet industrijali prevvisti mill-Union intimata se jippregudikaw serjament l-provvizjoni tas-servizz tas-Sahha Pubblika u dana b'dannu, possibbilment, irreparabbli ghal pazjenti u utenti tal-istess servizz.*

3. *Illi l-azzjonijiet industrijali ddikjarati mill-Union intimata m'ghandhomx bazi fil-ligi u huma ghalhekk illegittimi u sana stante illi t-tilwima industrijali ma tikkoncernax kundizzjonijiet tal-impjieg skond kif inhuma definiti fil-KAP 452 tal-Ligijiet ta' Malta u l-azzjoni industrijali ma tikkonfigurax u mhix kontemplata fid-definizzjoni ta' tilwima ta' xoghol fl-istess Att u ghaldaqstant hija ghal kollox insostenibbli.*

4. *Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-azzjonijiet industrijali iddikjarati mill-Union intimata huma sproporzjonati u ghal kollox eccessivi.*

5. *Illi l-isproporzjonalita' tal-azzjonijiet ikkontemplati mill-Union hija cara u lampanti stant illi b'konsegwenza tal-istess qeghda tpoggi f'periklu serju s-sahha u anke l-hajja tal-utenti tas-servizz tas-sahha pubblika u dana kif ser jirrizultaw mis-smiegh u t-trattazzjoni tal-mandat odjern.*

6. *Illi in vista tas-supespost ir-rikorrenti umilment jissottometti illi jezistu l-elementi essenzjali ghal hrug ta' dan il-mandat ta inibizzjoni billi:*

   i. *Ghanda d-dritt prima facie tissalvagwardja u tassikua l-provizjoni ta' servizz essenzjali ai termini tal-Artikolu 64(6) tal-KAP 452 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll illi twaqqaf azzjonijiet industrijali illegittimi li se jwasslu ghal dannu tal-provvista tas-servizz tas-sahha in generali.*

   ii. *L-azzjoni industrijali u/jew direttivi relattivi li behsiebha tordna l-Union intimata se jkun/u ta' pregudizzju ghal provizjoni tas-servizz tas-Sahha Pubblika u dana b'detriment tal-interess tal-komunita`.*

   iii. *Illi dan il-pregudizzju se jkun irrimedjabbi tenut kont tal-hsara u limitazzjonijiet serja illi se tkun imposta fil-provvizjoni tal-vaccine kontra l-influenza tant essenzjali.*

Rat id-dokumenti pprezentati mar-rikors promotur.

Rat id-**digriet** taghha tal-15 ta' Gunju 2022, fejn laqghet it-talba tar- rikorrent b'mod provvizorju, ordnat in-notifika tal-atti lill-Union intimata Malta Union of Midwives and Nurses (MUMN) bi zmien prefiss biex iwiegbu, u fejn appuntat ir-rikors ghas-smigh ghall-udjenza tas-27 ta' Gunju 2022.

Rat li l-intimati kienu debitament notifikati.

Rat ir-**risposta** tal-intimati pprezentata fl-24 ta' Gunju 2022 (u wasslet fis-sigrieta nhar it-30 ta' Gunju 2022), fejn talbu lil din il-Qorti sabiex tichad it-talbiet tar-rikorrenti ghar-ragunijiet hemmek moghtija.

Rat id-dokumenti esebiti waqt l-udjenza.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tal-partijiet fl-udjenza mizmuma u rat illi r-Rikors thalla ghal provvediment *in camera*, kif qed isir illum.

**Ikkunsidrat**:

Illi r-rikorrent Segretarju Permanenti fil-Ministeru ghas-Sahha (SPMS) ressaq din it-talba ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-MUMN, wara

illi din ta' l-ahhar kienet, b'email tad-9 ta' Gunju 2022 (08:30) mibghuta lill-Ministeru, tat Avviz ta' Direttivi illi l-Union kienet qed taghti lill-membri taghha in segwitu ghal tilwima industrijali bejn l-istess Union u l-Gvern.

Illi l-MUMN tat dawn id-direttivi wara illi gharrfet lill-SPMS illi kienet irceviet komunika mill-*People & Standards Division* illi l-kwistjonijiet ta' pensjoni u incentivi fiskali proprosti mill-MUMN ma kienux ser jigu diskussi u li tali kwistjonijiet huma eskluzi mit-trattattivi ghall-ftehim settorali tan-*nurses* u *midwives*. L-MUMN izzid illi hija giet mgharrfa mill-*Industrial Relations Unit* illi tali incentivi jirrelataw ghal Unions ohra u l-MUMN ma kellhom ebda dritt illi jitolbu incentivi bhal dawk ta' Unions ohra.

Filwaqt illi l-MUMN taghmel lista ta' ftehim settorali ta' unions ohra illi fihom kien jirrizulta evidenti illi proprosti tal-MUMN kienu gew inkorporati fi ftehim ta' terzi, l-MUMN issostni ghalhekk illi r-raguni illi nghatat kienet wahda diskriminatorja u mhux accettabbli. Fuq kollox, sostniet l-MUMN, ma kienx accettabbli ghaliha illi l-Ministru tas-Sahha u l-ufficcju tar-rikorrent kienu ser jibqghu barra mid-diskussjonijiet fuq ghazla taghhom stess. Dan wara illi b'email tat-30 ta' Mejju 2022 (05:06), ir-rikorrenti SPMS kien gharraf lill-istess MUMN, illi d-Direttur Generali (Strategy & Implementation) kienet b'effett immedjat ser tassumi hi r-responsabbilita' li tikkonduci r-relazzjonijiet industrijali u n-negozjati mal-MUMN.

L-MUMN tghaddi biex telenka lista ta' lmenti, fosthom dawk relatati mal-*break-time*, *vacation leave*, *staff compliment* fil-wards kollha, *study leave*, kundizzjonijiet tax-xoghol fi zmien il-pandemija tal-COVID u *overtime* zfurzat. Tirregistra ghalhekk it-tilwima fl-isfond ta' materji ta' sahha u sigurta` fuq il-post tax-xoghol tal-membri taghha minhabba kwistjonijiet ta' *staffing ratios* naxxenti mill-problema akuta tan-nuqqas ta' *nurses*.

**Ikkunsidrat ulterjorment**:

Illi f'dan l-isfond, ir-rikorrenti SPMS qed jitlob il-hrug ta' dan il-Mandat peress illi jsostni illi l-azzjonijiet industrijali ordnati sejrin jippregudikaw is-servizz tas-sahha, meqjus essenzjali, illi l-Gvern jipprovdi.

Ir-rikorrenti SPMS ighid fl-ewwel lok illi l-MUMN <u>ma ghandiex bazi legali</u> sabiex tirregistra t-tilwima u taghti d-direttivi lill-membri taghha. Jghid dan peress illi jsostni illi l-azzjonijiet huma lleggittimi peress illi t-tilwima industrijali ma tikkoncernax kundizzjonijiet ta' impjieg skond l-KAP 452 u ghalhekk l-azzjonijiet ma jikkonfigurawx u t-tilwima mhix ikkontemplata fid-definizzjoni ta' tilwima ta' xoghol.

Ir-rikorrenti SPMS fit-tieni lok ighid illi l-azzjonijiet huma sproporzjonati u eccessivi u dan peress illi l-azzjonijiet ipoggu f'periklu serju s-sahha u anke l-hajja tal-pazjenti fis-servizz tas-Sahha Pubblika.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Minn naha taghha, il-Union intimata MUMN tispjega id-direttivi minnha moghtija u tghid illi hija tat dawk id-direttivi specifici proprju peress illi hija konxja ta' digrieti precedenti moghtija mill-Qrati taghna u ghalhekk hadet hsieb illi tara illi l-azzjonijiet industrijali jhallu l-effett mixtieq minghajr pero` ma jservu ta' periklu ghas-sahha tal-pazjent.

L-MUMN ssostni bl-aktar mod katerogiku illi l-azzjonijiet minnha proposti mhux talli ma jipperikolawx is-sahha tal-pazjent, talli dawn huma intizi appuntu biex timmiljora s-sitwazzjoni bil-ghan illi l-pazjent ikun moghti kura u attenzjoni ahjar u jkunu indirizzati prattici hziena illi qed ihallu effett hazin.

L-MUMN issostni illi huwa dritt taghha illi tipprotegi l-interessi tal-membri taghha, huwa dritt kostituzzjonali taghha illi taghmel dan u ma ghandux jintuza Mandat ta' Inibizzjoni biex tigi mcahhda milli taghmel dan. L-MUMN tghid illi hija tifhem illi d-direttivi jistghu jikkawzaw inkonvenjent, izda anke bbazat fuq l-insenjament tal-Qrati taghna, dak mhux bizzejjed biex jitwaqqfu azzjonijiet industrijali.

**Ikkunsidrat Ulterjorment**:

Illi skond l-**Artikolu 873(1) tal-Kap.12** - L-iskop tal-Mandat ta' Inibizzjoni huwa li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.

Illi skond l-**Artikolu 873(2) tal-Kap.12** – Il-Qorti m`ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent '*prima facie*' jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.

Mill-Artikolu 873(2) johorgu zewg elementi li r-rikorrent jrid jissodisfa:

1) fl-ewwel lok, irid juri li l-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu jeddijiet li qed jippretendi li ghandu; u

2) fit-tieni lok, irid jipprova li *prima facie* ghandu dawn il-jeddijiet.

Appuntu dwar il-prova *prima facie* tal-jeddijiet, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha fil-kawza **Grech pro et noe vs Manfre`**[1] qalet hekk:

> *... huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat.*

L-elementi li jwasslu ghall-hrug tal-Mandat huma kumulativi u mhux alternativi.

Li allura jfisser illi jekk xi wiehed mill-elementi ma jirrizultax, il-Qorti hija obbligata tichad it-talba ghall-hrug tal-Mandat mitlub. Huwa ukoll riaffermat li l-procedura tal-lum hija mahsuba biex tkun wahda sommarja.

Il-fatt illi tintlaqa` talba ghall-hrug tal-Mandat, m`ghandux ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Kif daqstant iehor m`ghandux ifisser li jekk il-hrug tal-Mandat ikun michud, allura l-jedd pretiz ma jezistix. Unikament ghall-fini tal-akkoljiment o meno tat-talba, mhux kompitu ta` din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu.

Hadd mill-partijiet ma jista` jew m`ghandu jippretendi li mad-"*daqqa t`ghajn*" ghandha tkun propju din il-Qorti li tiddeciedi hi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet bil-procedura specjali u partikolari tal-Mandat ta` Inibizzjoni.

Finalment irid jigi precizat ukoll illi l-Mandat ta` Inibizzjoni huwa mezz procedurali eccezzjonali.

Ghalhekk ma jistax ikun hemm il-hrug tal-Mandat jekk il-hsara li minnha r-rikorrent ikun qieghed jilmenta tkun tista` tigi rimedjata mod iehor.

Dan kollu qed jinghad sabiex il-kontendenti jifhmu li l-mansjoni ta' din il-Qorti mhuwiex li tiddeciedi finalment dwar il-pretensjonijiet taghhom fil-mertu izda huwa limitat u cirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-ligi sabiex ikun operattiv Mandat ta` Inibizzjoni.

---

[1] 14 ta` Lulju 1988, (Kollez. Vol. LXXII.II.290)

Dan kollu maghdud, il-Qorti **ikkunsidrat ulterjorment**:

## BAZI LEGALI TAT-TILWIMA

Illi l-KAP 452 tal-Ligijiet ta' Malta jiddefinixxi "**tilwima ta' xoghol**" bhala:

*tilwima bejn prinċipali u ħaddiema, jew bejn ħaddiema u ħaddiema, li jkollha x'taqsam ma' xi waħda jew aktar mill-ħwejjeġ li ġejjin:*

*(a) pattijiet u kondizzjonijiet ta' impieg, jew il-kondizzjonijiet fiżiċi li taħthom xi ħaddiema jkunu meħtieġa jaħdmu;*

*(b) tħaddim jew nuqqas ta' tħaddim, jew it-tmiem jew is-sospensjoni ta' impieg jew ta' dmirijiet ta' impieg, ta' ħaddiem wieħed jew aktar;*

*(c) allokazzjoni ta' xogħol jew ta' dmirijiet tal-impieg bejn il-ħaddiema jew gruppi ta' ħaddiema;*

*(d) ħwejjeġ ta' dixxiplina;*

*(e) faċilitajiet għal uffiċjali ta' trade unions;*

*(f) makkinarju għal negozjati jew konsultazzjonijiet, u proċeduri oħra, dwar xi waħda mill-ħwejjeġ imsemmija qabel, magħdud ir-rikonoxximent minn prinċipali jew assoċjazzjonijiet ta' prinċipali tad-dritt ta' trade union li tirrappreżenta ħaddiema f'xi negozjati jew konsultazzjonijiet bħal dawk jew fit-twettiq ta' dawk il-proċeduri;*

*(g) is-sħubija jew le ta' ħaddiem fi trade union partikolari*

Il-Qorti tirreferi fl-ewwel lok ghal dak li jsostni ir-rikorrenti SPMS meta ighid illi l-azzjonijiet "*ma ghandhomx bazi fil-ligi u huma ghalhekk illegittimi u dan stante illi t-tilwima industrijali ma tikkoncernax kundizzjonijiet tal-impjieg skond kif inhuma definiti fil-KAP 452*".

Il-Qorti tqis illi l-ilmenti mressqa mill-MUMN lill-Ministeru, kif fuq elenkati, u li l-Union intimata tilmenta minnhom f'isem il-membri taghha, bhal ma huma *break time*, *staff compliment*, dixxiplina, *study leave*, *overtime* etc, jaqghu perfettament fid-deskrizzjoni u d-definizzjoni ta' tilwima moghtija mill-ligi taghha. Ghalhekk l-Qorti ma tistax taqbel ma' dak sottomess mir-rikorrenti.

Kull kumment iehor fir-rigward ikun superfluwu, ghajr ghal dak sottomess mill-abbli difensur tar-rikorrent SPMS meta sostna fit-trattazzjoni tieghu illi kwistjonijiet ta' pensjonijiet u rati ta' taxxa ghall-*overtime* ma humiex kwistjonijiet tax-xoghol kif trid il-ligi ukoll ghaliex dawk huma regolati b'ligijiet ohra specifici u ma jistghux ikunu inkluzi fil-ftehim settorali.

Din il-Qorti ma taqbel xejn ma' din is-sottomissjoni, u tqis illi materji ta' pensjoni u rata ta' hlas ta' taxxa huma certament formanti parti mill-kundizzjonijiet tax-xoghol tal-haddiema, f'dan il-kaz tal-membri tal-MUMN, ikunux diskussi fil-qafas ta' ftehim settorali jew mod iehor.

Il-fatt illi huma regolati b'ligi differenti mill-KAP 452 ma ghandux x'jaqsam u ma jaghmilx raguni ghaliex ma' ghandhomx jitqiesu bhala materji ta' kundizzjonijiet tax-xoghol. Kieku kien hekk, kieku lanqas materji ta' sahha u sigurta' fuq il-post tax-xoghol ma jkunu meqjusa kundizzjonijiet tax-xoghol, peress illi anke dawk huma regolati b'ligi u regolamenti *ad hoc* (KAP 424) u differenti mill-KAP 452.

Il-Qorti tfakkar illi issa ilu ben stabbilit illi anke l-pensjonijiet huma meqjusa bhala formanti parti mill-kundizzjonijiet tax-xoghol u f'dan il-kuntest tirreferi ghall-kawza **Carmelo Dalli et vs GO Plc**[2] fejn, fis-sentenza taghha, din il-Qorti diversament preseduta qabel proprju hekk:

> *Fil-ligi m'hemmx definizzjoni tal-kliem "rata ta' rimunerazzjoni". Il-qorti hi tal-fehma li dan il-kliem ghandu jinghata tifsira iktar wiesgha minn paga ugwali, meqjus:-*
>
> *Fl-istess provvediment jinghad ukoll:-*
>
> *i. "B'dan illi principal u haddiem jew union ta' haddiema b'rizultat ta' negozjati ghal ftehim kollettiv jistghu jiftiehmu dwar skali ta' salarji, zidiet annwali u kundizzjonjiet ta' xoghol ohra differenti ghal haddiema li jkunu impjegati fi zmienijiet differenti, liema skali jkollhom massimu li jintlahaq wara zmien stabbilit" (enfazi tal-qorti).*
>
> *Bil-kliem "u kundizzjonijiet ta' xoghol ohra differenti" jidher li l-legislatur ma riedx jillimita l-provvediment ghall-hlas ta' salarju biss.*
>
> *ii. Il-konvenuta ssostni li l-interpretazzjoni ghall-kelma rimunerazzjoni ghandha tkun ristretta ghall-pagi u salarji u ma*

[2] 3 ta' Ottubru, 2013 - 447/2010AE

*tinkludix skemi ta' pensjonijiet. Jekk kien hekk mela r-raguni tghidlek li l-legislatur kien juza l-kelma paga (wage) li fl-Att hi definita bhala:*

*"paga" tfisser rimunerazzjoni jew qligh, li jithallsu minn principal lil impjegat u tinkludi kull bonus li jitħallas skont lartikolu 23 minbarra kull bonus jew allowance relatati malesekuzzjoni tax-xoghol jew mal-produzzjoni.*

Maghmula ghalhekk dawn il-kunsiderazzjonijiet, din il-Qorti ma ghandha ebda dubbju illi l-materji/ilmenti in diskussjoni bejn il-partijiet u li wasslu ghall-avviz tal-azzjonijiet industrijali kif msemmi fl-email tad-9 ta' Gunju 2022 jikkostitwixxu materji ta' kundizzjonijiet tax-xoghol li jaqghu certament fil-parametri ta' kundizzjonijiet tax-xoghol kif trid il-ligi taghna ghal finijiet ta' tilwima industrijali.

Huwa ghalhekk illi l-Qorti tqis illi tilwima fid-definizzjoni tal-ligi tirrizulta u kwindi il-Qorti mhux qed tqis mis-sewwa l-ilment u r-ragunament tar-rikorrenti SPMS illi l-MUMN ma ghandiex bazi legali biex tirregistra tilwima u tordna azzjonijiet industrijali.

**Ikkunsidrat Ultejrorment:**

## <u>Azzjonijiet Sproporzjonati u Eccessivi</u>

It-tieni punt mressaq mir-rikorrenti SPMS, huwa fis-sens illi l-<u>azzjonijiet huma sproporzjonati u eccessivi</u> peress illi l-azzjonijiet ipoggu f'periklu serju s-sahha u anke l-hajja tal-pazjenti fis-servizz tas-Sahha Pubblika.

Il-Qorti tibda biex tghid illi din mhix decizjoni facli ghaliha. Tifhem lir-rikorrent SPMS illi ghandu l-interess illi jipprovdi l-aqwa servizz possibbli lill-pazjenti fl-Isptarijiet Statali, izda trid tibbilancja dan, ukoll fil-qafas tal-ligijiet taghna, mad-dritt illi Union rappresentattiva ta' haddiema fis-settur tas-Sahha, ghandha biex tirrappresenta u tara l-interessi tal-membri taghha fil-parametri dejjem li trid il-ligi.

Il-Qorti trid u ser tfittex illi ssib il-bilanc bejn id-dritt tal-MUMN u l-membri taghha u l-obbligu illi ghandu l-Ministeru rikorrent illi jipprovdi s-servizz essenzjali u tant importanti tas-sahha, ukoll fl-isfond tal-eccessivita' u/jew l-isproporzjonalita' tad-direttivi moghtija.

Qabel xejn il-Qorti trid tosserva illi l-KAP 452 diga' jahseb biex anke f'kaz u f'eventwalita' illi Union bhal dik intimata ssegwi azzjonijiet industrijali – allura s-servizz, milqut kif ikun, jibqa' jinghata peress illi huwa meqjus bhala servizz essenzjali.

Il-Qorti tinnota d-dikjarazzjoni maghmula mid-difensur tal-Union intimata meta stqarr illi l-Union patrocinata tieghu "*qadet ferm attentata biex tali azzjonijiet ma tmurx lil hinn mill-linji cari traccati minn din il-Qorti kif diversament preseduta fid-digrieti moghtija fil-11 ta' Dicembru 2020 fl-atti ta' Inibizzjoni 1665/2020RGM u fil-11 ta' Ottubru 2021 fl-atti Inibizzjoni 1400/2021*". Il-Qorti ghalhekk tifhem ukoll illi l-Union intimata hadet hsieb tirrispetta dak li l-ligi trid tipprotegi b'servizzi essenzjali u ser tqis il-materja illi ghandha quddiemha ukoll fl-isfond tad-direttivi per se kif elenkati fl-email tal-Union tad-9 ta' Gunju 2022.

Il-Qorti tibda' biex tghid illi l-ligi taghna, appuntu il-KAP 452, ghamlet posizzjoni cara hafna. Il-ligi taghna fittxet illi tipprotegi *dak l-għadd ta' persuni li jistgħu jinħtieġu biex jinżammu b'mod kontinwat u mingħajr interruzzjoni s-servizzi elenkati fl-Iskeda ta' dan l-Att u li huma meħtieġa li jitħaddmu f'kull ħin sabiex ikomplu jingħataw mill-Gvern servizzi essenjali lill-komunità.*[3]

L-iskeda hija cara u tinkludi s-servizz tal-infermiera u l-qwiebel, kif ghandu jkun. Imma, ukoll kif ghandu jkun, jekk ir-rikorrenti SPMS jhoss illi l-lista stabbilita bil-ligi ma tabbastax, allura certament illi huwa jaf x'ghandu jaghmel ghaliex il-ligijiet ma jinbidlux mill-Qorti. L-istess KAP 452 taghti s-soluzzjoni:

> *L-Iskeda li tinsab ma' dan l-Att tista' tiġi mibdula, miżjuda jew xort' oħra emendata –*
> *(a) b'riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati; jew*
> *(b) mill-Prim Ministru b'ordni fil-Gazzetta.*[4]

Il-Qorti tqis ukoll illi allura mhux talli l-ligi taghna tipprovdi biex is-servizz essenzjali tas-sahha jibqa' jopera dejjem, anke meta jkun kolpit minn azzjonijiet industrijali, talli anke taghti r-rimedju f'kaz u f'eventwalita' illi l-ligi ma tkunx hemmek osservata, tant illi, l-ligi taghna tipprovdi illi *kull uffiċjal pubbliku li għalih, bis-saħħa tas-subartikoli (6) u (7), is-subartikolu (4) ma*

[3] Art 64
[4] Art 64(9)

*japplikax, ikollu s-servizz tiegħu mal-Gvern mitmum minnufih jekk, bil-ħsieb li jkun hemm jew li titmexxa 'l quddiem tilwima ta' xogħol jew xi azzjoni oħra li tittieħed minn tnejn jew iżjed uffiċjali pubbliċi jew impjegati oħra (sew jekk skont direttiva minn trade union sew jekk le), jew b'sustenn tagħha jew b'simpatija magħha, dak l-uffiċjal jirrifjuta jew b'mod ieħor jonqos li jaqdi dawk id-dmirijiet li huma neċessarji biex ikompli jingħata s-servizz essenzjali, skont il-provvedimenti ta' dan l-Att u skont il-pattijiet tas-servizz jew skont il-kundizzjonijiet tal-impieg u taħt l-ordnijiet tal-awtoritajiet kompetenti tal-Gvern.*

Il-Qorti tqis illi l-ligi hawnekk hija b'sahhitha u qed taghti messagg car - u kwindi kull Union, inkluz il-Union intimata MUMN u kif ukoll il-membri taghha illi jsegwu d-direttivi, jridu jaraw u jassiguraw illi s-servizz essenzjali, anke jekk minimu, imma fuq kollox kif stabbilit bil-ligi, irid jibqa' jigi provdut kif trid l-istess ligi, altrimenti jista' jkun hemm konsegwenzi serji hafna ghall-haddiema membri taghha.

- Daqsekk huwa kbir il-piz illi trid terfa' l-Union meta taghti direttivi bhal dawk li tat fid-9 ta' Gunju 2022.
- Daqsekk hija kbira ir-responsabbilita` illi trid terfa' l-Union konxja illi l-membri taghha jahdmu fis-settur hekk meqjus bhala servizz essenzjali.

Ghalhekk, il-Qorti tqis illi filwaqt illi certament illi azzjonijiet industrijali bhal dawk ikkontemplati zgur ser ihallu impatt negattiv fuq is-settur tas-sahha u s-servizz tas-sahha pprovdut mill-Gvern, b'dan kollu sakemm id-direttivi jkunu moghtija u mhaddma *entro* t-termini u *entro* l-parametri li trid il-ligi, allura huma legalment permissibbli u hija anzi l-ligi stess illi qed tipprovdi rimedju ghal tali direttivi.

Ukoll, kif gja kellha okkazjoni tghid din il-Qorti diversament preseduta:[5]

> *Hu principju bazilari li Union m'ghandhiex tigi svestita mid-drittijiet taghha b' mod legger u hlief ghar-ragunijiet serjissimi, aktar u aktar meta tali drittijiet huma ntizi sabiex jiddefendu d-drittijiet tal-membri taghha. Dawn id-drittijiet huma essenzjali ghall-progress tad-drittijiet tal-haddiema f'dan il-pajjiz demokratiku u indipendenti.*

[5] 27.01.2014, 1949/2013, MUBE vs Bank of Valletta Plc

F'dan il-kuntest, il-Qorti ser tqis ukoll osservazzjonijiet li ghamlu l-abbli difensuri tal-partijiet dwar l-isproprozjonalita' u l-eccessivita' tad-direttivi mhabbra u l-effetti taghhom fuq is-settur tas-sahha.

Il-Qorti fehmet, minn dak sottomess u mill-atti u d-dokumenti pprezentati, illi l-pern tal-problema tidher illi hija n-nuqqas kbir ta' infermiera u l-problema illi l-istat (aktarx mhux l-istat biss) qed jaffaccja biex jingaggja n-*nurses*, Maltin u barranin.

Filwaqt illi r-rikorrent SPMS argumenta u sostna illi bid-direttivi ser ikun hemm pregudizzju ghall-pazjenti ghaliex ser jonqsu l-infermiera, b'dana kollu, il-Union intimata MUMN isosstni illi l-pazjent gja qed ibghatu u jsofru pregudizzju peress illi l-problema ta' nuqqas ta' *staff* ilha tezisti zmien u ghal xhur, jekk mhux snin twal issa, baqghet ma gietx solvuta.

Indipendentament mill-fatt illi din il-kwistjoni ta' nuqqas ta' *staff compliment* tista' timmaterjalizza f'impatt fuq il-kundizzjonijiet tax-xoghol tal-haddiema prezenti – il-Qorti tqis illi jispetta lir-rikorrenti SPMS illi jsib soluzzjoni ghal din il-materja. U allura, filwaqt illi l-Qorti tifhem illi hawn problema kbira ta' nuqqas ta' infermiera, filwaqt illi l-Qorti tifhem illi l-istat qed jaghmel hafna biex isolvi din il-problema li qeghda f'hoggru, jibqa' l-fatt illi dan l-istat ta' fatt huwa minnhu nniffsu pregudizzjali ghall-pazjent fl-Isptarijiet tieghu, peress illi minn dak sottomess mill-istess nurses tramite l-Union taghhom, il-pazjent mhux moqdi adekwatament mis-servizz tan-*nursing*.

Id-difensur tal-Union imtimata MUMN elenka numru ta' incidenti fejn il-pazjent sofra pregudizzju, uhud minnhom serjissimi, u fejn il-konsegwenza kienet illi membri tal-Union intimata spiccaw jaffaccaw akkuzi kriminali. Certament li l-Qorti mhix ser tidhol fil-mertu ta' dawk il-kwistjonijiet, pero` ghal finijiet ta' dan il-Mandat u l-pregudizzju sproporzjonat o meno illi qed jigi hawnekk ikkunsidrat, il-Qorti tqis illi ghandu mis-sewwa dak illi sostniet il-Union intimata f'dawn il-proceduri - illi sakemm l-istat isolvi l-problema, il-pazjent ikun qed isofri frott u rizultat appuntu tan-nuqqsijiet li l-istat mhux qed isolvi.

Ghal finijiet ta' dan il-Mandat u sa dak illi trid il-ligi, din il-Qorti tqis ghalhekk illi r-rikorrenti SPMS ma rnexxilux jipprova, la illi l-MUMN ma ghandiex bazi legali ghall-azzjonijiet minnha mhabbra u lanqas illi l-Union intimata ser tikkawza pregudizzju serju lill-pazjent u/jew lis-servizz tas-sahha, anke jekk il-Qorti tifhem u tapprezza illi l-pazjent fl-Isptarijiet tal-Istat, xi forma jew ohra

ta' skarigg, inkonvenjent u diffikulta' ser jaffronta fl-eventwalita' illi d-direttivi jidhlu fis-sehh.

Il-Qorti ser tikkwota dak li gja qalet f'digriet iehor minn Qorti diversament preseduta, meta ntqal[6]:

> *Tqis ukoll li, min-naħa l-oħra, kull trade union (u l-membri li jagħżlu li joqogħdu għal xi direttivi li tħoss li għandha tagħtihom, l-aktar jekk ikun hemm tilwima industrijali) …….. ma għandhiex bla raġuni serja u gravi titneżża' mill-jeddijiet tagħha biex twettaq il-funzjonijiet tagħha li tħares il-jeddijiet tal-istess membri tagħha u fl-aqwa interess tagħhom. Huwa magħruf li tali jeddijiet jintrabtu ma' prinċipji fundamentali u huma meħtieġa għall-ħarsien tal-jeddijiet tal-ħaddiema f'ordinament li jżomm b'valur id-demokrazija industrijali.*

Ghalhekk, filwaqt illi ghar-ragunijiet kollha hawn fuq moghtija, din il-Qorti sejra tiddikjara illi ma jirrizultaliex illi l-azzjonijiet industrijali mhabbra mill-MUMN huma illegali u lanqas ma jirrizultalha illi r-rikorrenti ghandu xi jedd illi jrid jikkawtela, u filwaqt illi lanqas ma jirrizulta lill-Qorti illi bl-azzjonijiet ordnati, il-pazjent ser isofri xi pregudizzju sproporzjonat, il-Qorti b'dana kollu konxja illi l-pazjent fl-isptarijiet statali Maltin ser ikun affettwat hazin u negattivament, inoltre` bhal ma jigri f'kull u b'kull strajk iehor, hu f'liema settur hu. Pero` u forsi kuntrarju ghal digrieti ohrajn moghtija fi proceduri ohra bejn l-istess partijiet, il-Qorti tqis illi f'dan il-kaz, bid-direttivi hawnekk ordnati, mhux kaz illi jinghad illi jistghu jkunu perikolati il-hajjiet ta' pazjenti.

**Jibqa' dejjem** b'dana kollu:

(a) il-piz fuq ir-rikorrent Ministeru ghas-Sahha illi ghandu jfittex illi jara illi l-pern tal-problema illi qed tikkawza dan id-dizgwid industrijali tigi rizolta mill-aktar fis, u
(b) bl-istess mod jibqa' dejjem il-piz fuq il-Union u l-membri taghha illi jagixxu iva fl-interess tad-drittijiet industrijali u lavorattivi taghhom, imma b'kawtela u b'rispett lejn is-Settur tant importanti li jahdmu fih.

Jibqa' dejjem ukoll illi infermier ghandu dejjem l-obbligu illi jekk jara illi azzjoni tieghu, anke in linea ma' direttiva lilu moghtija mill-Union, qieghed jew sejjerr

---

[6] 19.07.2018, 1034/2018JRM – AirMalta plc vs AAOC

ipoggi pazjent f'xi periklu ta' sahha – allura tali infermier ghandu d-dover illi jassisti l-pazjent daqslikieku d-direttivi mhux hemm.

Issir referenza ghal dak li diga' ntqal u saret referenza ghalih minn din il-Qorti[7] f'digriet iehor ghall-proceduri simili bejn l-istess partijiet, meta l-Qorti rreferiet ghal dak li jipprovdi il-**Kodici ta' Etika u *Standards* ta' Kondotta Professjonali ghall-Infermiera u l-Qwiebel:**

> *It also seeks to ensure that no action or omission by members of the professions, within their sphere of responsibility, would be detrimental to the interests, condition, or wellbeing of patient and society at large.*

Il-Qorti tqis, u konvinta illi l-Union intimata MUMN dan tafu sewwa, illi finalment huwa l-pazjent illi jista' jhoss l-iskumdita' u l-inkonvenjent tad-direttivi, il-pazjent illi huwa persuna dghajjef u vulnerabbli, kif jistghu ukoll f'mumenti difficli jkunu il-familjari tal-istess pazjenti.

Allura il-Qorti tistenna u tippretendi illi l-MUMN u l-membri taghha, ghandhom dejjem izommu f'mohhom dan. Fejn jidhol il-marid u l-mard, fejn jidhol il-vulnerabbli, il-Qorti tqis illi l-attenzjoni u l-osservanza tar-regolamenti u l-ligi ghandhom ikunu ghal massimu taghhom. Tqis ukoll illi il-pratticita', il-gentilezza, il-kompassjoni, l-umanita' u fuq kollox, il-harsien tad-dinjita` tal-pazjent ghandhom dejjem jigu l-ewwel u qabel kull azzjoni, kull tilwima u kull pretensjoni ta' kull parti.

Qabel ma' l-Qorti tghaddi ghal parti konklussiva tad-digriet taghha u wara li qieset dak kollu li jirrizultaha mill-atti u dak li qalu d-difensuri tal-partijiet, il-Qorti thoss doveruz illi taghmel is-segwenti osservazzjonijiet u suggerimenti u ggibhom ghall-ahjar attenzjoni tal-awtoritajiet koncernati u kompetenti:

a) Fl-ewwel lok, ir-relazzjoni industrijali ghandhom dejjem jitmexxew u jkunu stradati bir-**RISPETT**. Il-Qorti ma tistax thalli inosservat lingwagg u kummenti illi, kif jirrizulta mill-atti, ntuza minn esponenti ewlenin tal-Union lejn l-ufficjali pubblici, liema lingwagg huwa kundannabbli u mhux konducenti ghal relazzjonijiet industrijali sahni u maturi. Dan ghandu jieqaf minnufieh u l-partijiet jinhtieg juru maturita' fejn akbar.

---

[7] 11.12.2020, 1665/2020 RGM

b) Fit-tieni lok, il-Qorti tqis illi **s-settur tas-Sahha huwa settur illi ma jiflahx dizgwid industrijali**. Ghalhekk il-Qorti sincerament tissolecita lill-partijiet sabiex jaghmlu l-almu kollu taghhom u jipprioritizzaw il-problemi billi jpoggu l-energija kollha taghhom biex tissolva l-problema ta' nuqqas ta' nurses. Ghaliex kif fuq jinghad, is-sitwazzjoni kif inhi, direttivi jew le, azzjonijiet jew le, is-sitwazzjoni hija pregudizzjali ghal pazjent.

c) Fit-tielet lok, illi l-partijiet jinhtieg illi **jifmhu aktar lil xulxin u r-rwoli rispettivi ta' xulxin** fl-ahjar amministrazzjoni tas-settur tas-sahha. Jidher mill-atti illi l-partijiet mhux dejjem qeghdin jifmhu dan.
Ghalhekk illi r-rikorrent ghandu jifhem illi huwa dritt, anzi obbligu tal-union intimata illi thares l-interessi tal-membri taghha, u l-union ghandha tifhem u tapprezza illi l-istat ghandu stampa hafna aktar wiesgha minn dik illi l-union thares lejha u li l-mod kif irid jibbilancja l-interess tad-diversi haddiema fi hdan id-dipartiment rappresentati minn Unions diversi mhux dejjem facli.

d) Fir-raba' lok, jirrizulta mill-atti illi r-rikorrent SPMS gja ittenta jirristruttura **l-mod kif jigu kondotti n-negozjati** mad-diversi Unions li jirrapresentaw lid-diversi haddiema li jaqghu fir-responsabbilita' tal-Ministeru ghas-Sahha u kkomunika dak li huwa sejjah bhala "*Industrial Relations Formation*". Huwa bil-wisq evidenti illi dan ir-ristrutturar ma giex accettat mill-Union intimata anke ghaliex l-istess Ministeru donnu ghazel illi ma jippartecipax fid-diskussjonijiet mal-Union intimata. Dan jinhtieg illi jigi rivedut. Huwa ukoll importanti illi l-mod ta' kif il-partijiet jirregolaw ir-relazzjoni taghhom tkun wahda maqbula bejniethom u mhux imposta minn parti fuq ohra.

e) Fil-hames lok, il-Qorti trid tirrimarka ftit fuq l-imgieba tal-partijiet f'dak illi ghandu x'jaqsam mal-**medjazzjoni jew laqghat ta' konciljazzjoni**, kif huma komunament maghrufa fic-crieki tar-relazzjonijiet industrijali.

Huma diversi l-korrispondenza esebita illi jaghmlu referenza ghal dan il-process. Il-Qorti qed tifhem, mill-atti ppresentati, illi donnu li l-partijiet lanqas jifmhu l-importanza u l-mod kif jahdem tali process. Dan qed jinghad ghaliex jekk il-partijiet tassew iridu illi process ta' konciljazzjoni/medjazzjoni jirnexxi, u l-qorti tqis illi dan jista' jirnexxi kif jigri tant drabi, allura l-partijiet kollha iridu jkunu komdi bil-process, inkluz bin-nies illi jkunu prezenti u jekk mqarr persuna wahda, anke

jekk konsulent, mhux mixtieq mal-mejda tal-medjazzjoni, allura jkun qed jinghalaq il-bieb ghal dan il-process qabel ma jinfetah jekk ikun hemm persistenza illi tali konsulent irid ikun presenti ukoll.

Ukoll, illi wasal iz-zmien illi l-laqghat ta' konciljazzjoni/medjazzjoni jitmexxew b'mod professjonali, minn persuni mharrga ghal dan il-ghan u partikolarment u idejalment minn persuni mharrga fil-medjazzjoni/konciljazzjoni fir-relazzjonijiet industrijali li jkunu ta' integrita' u nieqsa minn kunflitti ta' interess.

f) Fis-sitt lok, il-Qorti tqis illi forsi wasal iz-zmien illi s-Settur Pubbliku jaghmel evalwazzjoni sabiex jara wasalx iz-zmien illi jkun hemm **ri-organizazzjoni interna sabiex ikun hemm aktar armonija u sistemi aktar facli u ko-oerenti illi jwasslu ghar-rizoluzzjoni ta' pendenzi** illi jinqalghu minn zmien ghal zmien fir-relazzjonijiet industrijali fis-settur pubbliku.

Il-Qorti tinnota, minn dak li huwa pubbliku, illi l-*mission statement* tal-*Industrial Relations Unit* hi ***to provide support to ensure harmonious industrial relations in a sustainable manner**. Industrial Relations Unit's (IRU) aim is also to consolidate Central Administration's negotiating position both across the Public Service and the Public Sector.* Il-Qorti tixtieq illi l-IRU taghmel ezami tal-kuxjenza u tara jekk hux qed tilhaq l-ghanijiet u l-missjoni taghha.

Jirrizulta mill-atti illi l-Union trid titkellem u taffaccja ufficjali mill-Ministeru ghas-Sahha (nkluz mill-HR tal-istess), mill-*Industrial Relations Unit* fi hdan l-ufficju tal-Prim Ministru, xi Direttur jew tnejn fil-Ministeru jew Ministeri relattivi, il-*People Management Division* u forsi anke ohrajn. Dan certament mhux qed jiffacilita' d-diskussjonijiet u l-Qorti mhix ser taghti hi s-soluzzjonijiet, imma certament illi jidher car illi huwa mehtieg xoghol siewi biex ikunu dejjem aktar facilitati d-diskussjonijiet bil-ghan illi ma jtulux u fuq kollox ma jehlux b'rizultat frustranti.

Il-Qorti tqis illi huwa fl-interess ta' kulhadd, ta' kull cittadin, illi s-servizz tas-sahha taghna jkun wiehed tajjeb u efficjenti. Il-Qorti tqis illi l-istat dan irid jipprovdih u daqstant iehor tqis illi l-membri tal-MUMN dan iridu jtuh. B'dan in komun, il-Qorti terga' ttenni l-appell taghha illi l-partijiet, anke fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet kollha hawnekk maghmula, sabiex jergghu, immedjatament, ipoggu madwar il-mejda tad-diskussjoni biex jharsu l-

quddiem u mhux lura u jfittxu s-soluzzjonijiet flimkien, fl-interess taghhom it-tnejn u finalment, fl-interess ta' kulhadd.

Il-Qorti tqis ukoll, illi bid-decizjoni hawnekk mehuda, il-Qorti qed tpoggi piz kbir fuq l-ufficjali tal-Union u kif ukoll fuq il-membri taghha illi jsegwu d-direttivi. B'dan id-digriet mhu qed jinghata ebda *carte blanche* biex il-Union taghmel li trid, anzi, bil-kontra, qed tirrispetta d-dritt taghha illi ssegwi azzjonijiet industrijali imma b'diligenza, b'attenzjoni u b'kawtela – u bid-direttivi illi talvolta' jistghu jsegwu u jkomplu, il-Qorti taghmilha cara illi l-ligi trid dejjem tigi rispettata. Partikolarment f'settur tant sensittiv. Kien per ezempju f'loku illi fl-ahhar verzjoni tad-direttivi mahruga hemm mizjud illi "*all emergencies are excluded from this directive*".

**GHALDAQSTANT**, ghar-ragunijiet kollha premessi u fil-kuntest ta' dak kollu li hawn fuq jinghad, din il-Qorti qeghda tiddeciedi billi tirrevoka *contrario imperio* d-digriet taghha tal-15 ta' Gunju 2022 safejn il-Mandat kien gie milqugh provvizorjament, u tghaddi biex **tichad** it-talba ghall-hrug tal-Mandat mitlub mill-Segretarju Permanenti fil-Ministeru ghas-Sahha.

Spejjes ta' din il-procedura a karigu tar-rikorrent.

In vista' ta' dak li hawn fuq jinghad, il-Qorti qed **tordna** illi a spejjes tar-Registratur tal-Qrati, dan id-digriet ghandu jkun notifikat lil (a) **Prim Ministru**, (b) **Vici-Prim Ministru u Ministru ghas-Sahha**, (c) **Segretarju Parlamentari fi hdan l-Ufficcju tal-Prim Ministru**, (d) **Segretarju Permanenti Ewlieni** fl-Ufficcju tal-Prim Ministru, (e) **Chairman tal-MCESD**, (f) **Direttur tax-Xoghol u Impjiegi**, (g) **Direttur tal-Industrial Relations Unit**, (h) **Direttur Generali (Strategy & Implementation)** u (i) **Direttur Generali (People & Management)**.

Mogħti kameralment illum, it-**Tnejn 4 ta' Lulju 2022**.

| | |
|---|---|
| **Onor. Ian Spiteri Bailey** | **Marisa Bugeja** |
| **Imhallef** | **Deputat Registratur** |